# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 277/00**

**Numru 23**

**Marie Melissa Camenzuli**

**vs**

**Antonio Lucio Monterosso**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li:

(1) prevja d-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-25 ta' Dicembru 1999 f'Tower Road, Sliema meta bil-karozza tal-konvenut numru GAA 924 dahal fil-vettura tal-attrici numru ZUL III meta din tal-ahhar kienet stazzjonarja, u

(2) prevja ukoll ghalhekk il-likwidazzjoni tad-danni mill-konvenut kagjonati lill-attrici okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi,

(3) ihallas lill-attrici is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Ghal fini ta' kompetenza l-valur ma jeccedix Lm600.

Bl-ispejjes.  Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut hu kontumaci u ma ikkontestax it-talbiet attrici.

Illi, inoltre, waqt is-seduta tallum instemghet ix-xhieda ta' Daniel Swift u tal-attrici, li esebiet ukoll tlett dokumenti li, juru l-"quantum" tad-danni involuti b'kollox Lm563.72,0.  A basi tal-istess provi, jidher car u evidenti li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti u l-ammont ta' danni ghandu jigi likwidat fis-somma ta' Lm563.72,0.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami;

2) tillikwida l-ammont tad-danni fis-somma ta' Lm563.72,0;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici is-somma ta' Lm563.72,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg